# Ir-4 Ħadd tal-Għid - 3 ta' Mejju 2020

*”In-nagħaġ minn leħnu jisimgħu.”*



**Il-Papa bagħtilna Ittra.**

Nhar is-Sibt li għadda il-Papa kitbilna ittra qasira. F’din l-ittra talabna biex fix-xahar ta’ Mejju ninġabru flimkien bħala familja jew bħala individwi fid-djar tagħna u nitolbu it-talba tar-Rużarju.

Nhar il-Ħadd 3 ta’ Mejju, jaħbat ukoll, Jum il-Vokazzjonijiet. F’kull vokazzjoni it-talb għandu irwol speċjali għaliex huwa t-talb li jżomm dik l-istess vokazzjoni ħajja u b’saħħitha. Fit-talb aħna indawru l-għajnejn tagħna biex jiltaqgħu ma’ dawk ta’ Alla. Kemm il-darba smajna li fit-talb importanti li nitkellmu ma’ Alla qisna żewġt iħbieb, imma kemm hu importanti wkoll li fit-talb niftħu widnejna beraħ u nħallu lil Alla ikellimna! Bħal ma’ Alla kellem lil Abraham, lil Marija, lill San Pawl u lil-Santa Fawstina, hekk wkoll Alla għandu xi ħaġa speċjali xi jigħd lilek. Għandu missjoni għalik.

Int qatt smajtu jkellmek?
Bħal ma' Marija semgħet il-kelmiet ta' Alla permezz tal-Anġlu u qalet iva, kemm hu sabiħ li dan nagħmluh aħna wkoll fis-skiet tat-talb tagħna.
Tibżax tqatta ħin ma' Ġesù fit-talb.
Ir-rużarju iħallina nagħmlu dan. Fir-Rużarju, ma' Marija, aħna nikkontemplaw lil Alla, r-rieda tiegħu għalina, u nwieġbu għas-sejħa li jagħmlilna.

Ejjew mela f'dan ix-xahar, filwaqt li nitolbu biex tgħaddi din il-burraxka, nitolbu ħafna għal aktar vokazzjonijiet saċerdotali. Ejjew nitolbu wkoll għal dawk li fil-qalb tagħhom, bħal Marija, qegħdin jisimgħu dak il-leħen ħlejju ta' Ġesù jsejħilhom għal warajh. Tibżgħux! "għax għal Alla m'hemm xejn li ma' jistax isir" (Lq 1:37).

L-aħħar kelma, Alla jqaddes b'barkiet qaddisa u b'qawwa mis-sema lil familji u lil dawk li jitolbu din it-talb tar-Rużarju; dan jigħduh il-qaddisin! Ejjew mela induru lejh u ma' Marija nitolbuh li fina isseħħ dejjem ir-rieda tiegħu.

Tislijiet, u ħudu ħsieb!



**Mattia Agius Muscat**
**Seminarista, Sena I**

# Liturġija tad-Dar fil-Familja



“Jiena hu l-bieb”

Ir-4 Ħadd tal-Għid 2020

---

# Youth Mass - Saturday 7PM




# Quddiesa - Ċentru tal-Vokazzjonijiet




**Il-Ħadd 3 ta' Mejju**
9.30am - Quddiesa mill-Kappella tal-Vokazzjonijiet, fis-Seminarju live fuq il-Facebook Page - Seminary Vocations Centre

---

## Minkejja... u int kif qed tgħix il-Vokazzjoni tiegħek?




**Għallimna Nitolbu - segwi fuq Facebook**



Għalfejn għandi nitlob bil-Bibbja?

Jekk inti kurjuż jew kurjuża u tixtieq titgħallem iktar kif tisma' lil Alla jitkellem fil-ħajja tiegħek, allura segwi l-paġna fuq Facebook *Għallimna Nitolbu*.

facebook.com/GhallimnaNitolbu

---

# Ir-Ragħaj it-Tajjeb - 4 Ħadd tal-Għid



Riflessjoni fuq ir-Ragħaj it-Tajjeb minn Fr Giovann Tabone MSSP.

---

# Riżorsi għat-tfal

For children between 4 and 7 years old



For children from 8 to 11 years old



Iktar riżorsi interessanti fuq www.bekidsmalta.com

---

# Talba għall-Vokazzjonijiet




---

# Qari tal-Quddiesa

**Il-Qari bil-Malti**

**English version of Daily Readings**

**TQARBINA TAX-XEWQA**

Din it-talb hija għal meta persuna tixtieq titqarben, imma minħabba raġuni jew oħra ma tkunx tista', eżempju f'każ ta' mard.

Ġesù, jiena nemmen li Inti tinsab tabilħaqq fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija.

Irrid inħobbok fuq kollox u fuq kulħadd.

Inti taf li nixtieq nirċevik ġewwa fija.

Imma ġaladarba bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija sagramentalment, nitolbok li tiġi fija spiritwalment.

Ejja għandi Ġesù tiegħi, biex jiena niġi għandek.

Ħeġġiġni bl-imħabba għalik biex f'ħajti u f'mewti jiena nemmen fik, nitma fik u nibqa' nħobbok għal dejjem.